MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Appell Civili Numru. 951/2011/1

**Appell numru: 951/2011**

**MELITA POWER DIESEL LTD. (C23376)**

**vs**

**AIR MALTA PLC (C2685)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"It-Tribunal,*

*Ra l-avviz fl-ismijiet premessiipprezentat fis-7 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u tletin ewro u erghbin centezmu (€2,336.40) dovuti skond kif indikat fid-dettal fuq il-fattura bir-referenza INV 0674 datata 15 ta' Gunju, 2010 rapprezentanti servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha flimkien ma' VAT relattiv.*

*Bl-ispejjez flimkien ma dawk tal-Ittra interpellatorja datata 29 ta' Settembru, 2011 u bl-imghax skond il-ligi mid-data tal-hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta pprezentata fis-27 ta' Dicembru, 2011 fejn din tirrispingi l-pretenzjonijiet tas-socjeta attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghal segwenti ragunijiet:*

*1. Il-hlas mitlub jirreferi ghal spejjez ta' tiswija ta' X-Ray machine mixtrija minghand is-socjeta attrici wara sejha ghall-offerti. L-X-Ray machine in kwistjoni zviluppat hsara ftit jiem biss wara li bdiet tintuza mis-socjeta konvenuta u ghalhekk kienet palezament mhix idonea ghall-uzu li ghaliha inbieghet. Ghaldaqstant kwalunkwe spiza biex din titranga kellha tbatiha s-socjeta attrici.*
*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, effettivament l-attrici irrikonoxxiet illi l-prodott kien ghadu taht garanzija pero ssostni illi din il-garanzija tkopri biss il-parts u mhux il-labour u spejjez tat-trasport. Dawn il-limitazzjonijiet tal-garanzija pero ssemmew biss wara l-akkwist tal-magna u sahansitra wara li zviluppat il-hsara u saru t-tiswijiet mehtiega.*

*Ra l-affidavit ta' Pierre Balzan li xehed illi huwa d-direttur tal-Kumpaniji Melita Power Diesel Ltd kif ukoll tal-kumpanija Melta Power Services Ltd li bieghet il-magna X-Ray lil Air Malta fid-29 ta' Settembru, 2009 li taghha thallsu. Fl-4 ta' Mejju, 2010 zviluppaw hsarat f'din il-magna. Fuq din il-magna hadmet il-kumpanija Melita Power Diesel Ltd u wara li sar ix-xoghol inharget fattura datata 15 ta' Gunju, 2010 liema fattura ma gietx imhallsa.*

*Xehed ukoll John Grixti ghas-socjeta' konvenuta li spjega illi hu ma kienx involut fix-xiri tal-magna peress illi dak iz-zmien ma kienx inkarigat mill-Cargo fi hdan l-Air Malta. Qal illi hu kien gie inkarigat wara li bdiet tintuza l-magna. Malli tfaccaw il-hsarat huwa rrapporta pero' ma kien jaf xejn dwar il-limitazzjonijiet tal-garanzija. Mistoqsi jekk kellux kopja tal-agreement spjega kif hu ma kellux kopja u lanqas kellu kopja tal-contract of sale. Dan gara peress*

*illi l-kumpanija Air Malta kienet ghaddejja minn transition u n-nies li kienu jahdmu maghha ma baqghux u lanqas instabu d-dokumenti.*

*Xehed Noel Borg li ghandu l-kariga ta' Manager fi hdan il-kumpanija Melita Power Diesel Limited. Qal illi fl-4 ta' Mejju 2010 gie mitlub mill-Air Malta sabiex isiru investigazzjonijiet minhabba riparazzjoni taghha. Filfatt mill-investigazzjoni rrizulta illi kien hemm bzonn isir xi xoghol manwali minbarra li kellhom jinbidlu xi parts. Hu gie nkarigat mill-Air Malta sabiex isiru t-tiswijiet necessarji biex il-magna tigi tahdem. Wara li saru x-xogholijiet harget fattura datata 15 ta' Gunju, 2010. Il-kumpanija Air Malta ma riditx thallas peress illi l-magna kienet taht garanzija.*

*Il-Kumpanija Melita Power Diesel Limited informathom illi l-Air Malta kienet xtrat minghand il-Melita Power Services Limited u inoltre talab kopja tal-garanzija u din ma nghatatlux ghalhekk il-kumpanija Melita Power Diesel Limited insistiet ghal-hlas.*

*Fix-xhieda tieghu Malcolm Cutajar spjega kif kienet saret it-talba ghax-xiri tal-X-Ray machine.*

*It-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm nuqqas kbir ta' provi kemm min-naha tal-atturi kif ukoll min-naha tal-konvenuti. Il-konvenuti qatt ma pproducew garanzija tal-magna mixtrija pero l-atturi qatt ma kkontradew li sar ix-xiri jew li kien hemm il-garazija. Anzi il-bejgh u l-garazija gew ikkonfermati mix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici stess. Is-socjeta' attrici pero accettat il-garazija bhala wahda limitata kif kellha mas-supplier taghha. Minkejja dan qatt ma pproduciet garanzija ffirmata illi din kienet wahda limitata.*

*Inghad ukoll illi x-xiri sar minghand il-kumpanija Melita Power Services Limited mentri l-hsarat issewwew mill-kumpanija Melita Power Diesel Limited. Jekk il-kumpanija Melita Power Diesel Limited hadet responsabbilta tat-tiswijiet u after sales kif qal fix-xhieda tiehu Pierre Balzan li huwa d-direttur taz-zewg kumpaniji , allura l-kumpanija attrici kienet qed tiehu wkoll ir-responsabbiltajiet tal-kumpanija Melita Power Services Limited. Jidher car illi l-magna garbet hsara ftit wara li bdiet tintuza. Issa galadarba il-magna kienet taht garanzija ma taghmilx differenza jekk il-kumpanija attrici soffrietx spejjez biex issewwi din il-magna. Il-konsumaturi u cioe il-kumpanija konvenuta ghandha jkollha d-dritt ghall-uzu tal-magna li xtraw minghajr ma jinkorru spejjez la ta' vjaggar u wisq iktar tal-labour.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talba attrici.*

*Bl-ispejjez ghandhom jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha."*

Illi minn din is-sentenza is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata u ressqet appell bl-aggravju illi fis-sentenza ġie skartat il-prinċipju ta' *res inter alios acta, aliis nee nocet nee prodest*. Hija tgħid illi l-garanzija fuq il-bejgħ kien eżistenti bejn l-entita' kummercjali li biegħet il-magna u ċioe Melita Power Services Limited u dik li xtratha u ċioe Air Malta PLC. Tgħid illi hija ma hijiex marbuta b'dik il-garanzija. Tgħid ukoll illi hija għamlet it-tiswijiet fuq struzzjonijiet li tatha s-socjeta Airmalta stess.

Illi l-fatti kif huma s-segwenti

Melta Power Services Ltd bieghet magna X-Ray lil Air Malta fid-29 ta' Settembru, 2009 u dana wara li kienet harrget sejha ghall-offerti. Fl-4 ta' Mejju, 2010 zviluppaw hsarat f'din il-magna, liema hsarat gew riparati mill-kumpanija attriċi appellanti Melita Power Diesel Ltd u wara li sar ix-xoghol ta' tiswijiet inharrget fattura datata 15 ta' Gunju, 2010 liema fattura ma gietx imhallsa peress illi l-kumpanija Air Malta sostniet illi l-magna kienet ghadha taht garanzija u ghalhekk giet istitwita dina l-istanza ghall-ammont ta' elfejn tlett mija u sitta u tletin ewro u erghbin centezmu (€2,336.40) dovuti skond kif indikat fid-dettal fuq il-fattura bir-referenza INV 0674 datata 15 ta' Gunju, 2010 rapprezentanti servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha flimkien ma' taxxa fuq il-valur mizjud relattiva. It-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ċaħad din it-talba għaliex kien tal-fehma illi l-magna garrbet hsara ftit wara li bdiet tintuza u ghalhekk filwaqt illi kienet ghadha taht garanzija.

Dak rimess ghal gudizzju ta' din il-Qorti ghalhekk huwa b'mod ewlieni jekk il-garanzija kontra d-difetti mogħtija mil-venditur li f'dan il-kaz kienet is-socjeta Melita Power Services Limited fuq il-magna mibjugha kenitx torbot ukoll lill-socjeta appellanti li issa qieghda tirreklama l-hlas ghas-servizzi minnha rezi fuq it-tiswijiet li gew effetwati. Jirriżulta mill-provi illi fis-sena 2010 Melita Power Diesel Limited ħadet ir-responsabbilita ghat-tiswijiet u servizzi ta' *after sales* tas-socjeta Melita Power Services Limited. Fil-fatt, in forza ta' dan il-ftehim kienet is-socjeta appellanti li imbagħad għamlet xogħolijiet ta' tiswijiet fuq il-magna in kwistjoni. Illi fil-korrispondenza esebieta a fol.26 ta'l-atti bejn Noel Borg mill-Melita Power u Norman Clews mill-Airmalta u referribbilment fl-email datata 24 ta' Mejju 2010, Noel Borg manager tas-socjeta appellanti jispjega illi l-istess socjeta assumiet r-responsabbilitajiet tas-socjeta Melita Power Services. Imbagħad ikompli billi jgħid illi:

"I *must inform you that unless you can present me with a contract signed between MPS and Airmalta whereby it is clearly stipulated that the warranty will cover both parts and labour, I have no other option but to issue an invoice to cover the labour charges and freight costs Malta - Italy - Malta."*

Minn dan jirriżultalha lil din il-Qorti illi minkejja illi l-garanzija għandha validita għal min ikun ħariġha, madanakollu bl-assunzjoni tar-responsabbilta mis-socjeta appellanti tal-obbligi assunti mill-venditur, il-garanzija kellha torbot ukoll lill-soċjetà appellanti. In oltre jingħad illi s-soċjetà appellanti qieghda titlob il-ħlas *tal-labour* u *transport costs* biss, u mhux tal-*ispare parts*, jiġifieri anke hija stess qiegħda tagħraf u tirrikonoxxi illi hemm garanzija applikabbli għax-xogħol ta' tiswija illi sar fuq il-magna in kwistjoni.

Premess dan, il-Qorti sejra tezamina jekk il-garanzija moghtija mill-venditur kellhiex limitazzjonijiet ghal *parts* jew ghal *labour* ukoll.

Jiġi osservat illi l-appellanti qiegħda titlob mis-soċjetà appellata *labour costs* u *transport costs* li allegatament u skond hija mhumiex koperti mill-garanzija provduta fil-mument tal-bejgħ. Da parti tagħha s-socjeta appellata Airmalta tgħid illi l-garanzija tapplika għall-ispejjeż kollha inkorsi fit-tiswija tal-X Ray Machine. Dan ghaliex tishaq illi hija ingħatat garanzija mingħajr kondizzjonijiet u kien biss meta nqalgħu il-problemi illi s-socjeta Melita Power Services ipprovdiet kondizzjonijiet dettaljati.

Jiġi osservat illi minkejja illi l-partijiet fil-kawża jaqblu li hemm garanzija fuq il-magna mertu tal-kawża, kif ukoll illi tali garanzija għadha fis-seħħ, id-dokument tal-garanzija fuq l-X-ray Machine ma ġiex ippreżentat in atti, la minn parti waħda u lanqas minn oħra.

Għaldaqstant għal din il-Qorti tibqa' l-inċertezza jekk dik il-garanzija hijiex waħda limitata jew le, u ċioe jekk tkoprix *spare parts* kif ukoll xogħolijiet. Minkejja illi ġiet ippreżentata l-garanzija mogħtija mis-*supplier* (fol 27), li turi illi hija waħda limitata, dan mhux bilfors ifisser illi l-garanzija mogħtija lix-xerrej kenit ukoll waħda limitata. Il-partijiet setgħu ftehmu li jnaqqsu jew iżidu mal-garanzija tas-*supplier*.

Materja bhal din hi certament kwestjoni ta' fatt u tal-apprezzament tal-provi. In linea mar-regola *probatio incumbit ei qui dicit* jingħad illi kien jispetta lis-soċjetà attriċi appellanti li tipprova konvinċentement illi l-garanzija fuq il-magna in kwistjoni, illi kif ġie stabbilit aktar 'l fuq kienet torbot lilha ukoll, u li kienet mogħtija lix-xerrej, kienet waħda limitata u ċioe li tkopri biss l-i*spare parts*. Illi l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

*"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

Din il-Qorti tosserva illi s-soċjetà attriċi appellanti ma issodisfatx dan l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnha. Dan l-obbligu, u ċioe il-prova tal-fatt illi l-garanzija kienet waħda limitata kien fuqha, u s-socjeta appellata, illi tiċħad dan, ma kellha ebda oneru f'dan ir-rigward. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma issib l-ebda motiv 'il ghala ghandha titbieghed mill-fehma milhuqa mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu tas-socjeta appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------